**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Lulju, 2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Mario Brignone detentur tal-karta tal-identità bin-numru 113255M**

*Kumpilazzjoni Nru. 309/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Brignone** u ċioe` talli:[1]

F' dawn il-Gżejjer, bejn ix-xhur ta' Awissu 2020 u April 2021, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru 1-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjoni relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel att ta' Money Laundering billi:-

   i) ikkonverta jew ittrasferixxa propjetà meta kien jaf jew issuspetta li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri haġa b' oħra ta' 1-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f' attività kriminali;

   ii) ħeba jew wera haġa b'oħra tal-vera xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà, meta

[1] Fol.45-48

kien jafu jew issuspetta li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali;

iii) akkwista, ippussesa jew uża propjetà meta kien jaf jew issuspetta li 1-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali;

iv) bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà' meta kien jaf jew issuspetta li 1-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali;

v) ittenta jagħmel 1-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 u l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

2. Talli naqas milli jħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. fid-digriet tagħha ta' nhar is-6 ta' Awwissu 2021 li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi il-piena stabbilita skond il-liġi tirrevoka contrario imperio id-digrieti tal-ħelsien mill-arrest ta1-imsemmi Mario Brignone mogħtija nhar is-6 t'Awwissu 2020 mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D. u tordna ir-riarrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqu bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u I-propjetà' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti Il jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma propjetà' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta'dik il-proprjetà li 1-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artiko1u 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika 1-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat jħallas 1-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond 1-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-11 ta' Novembru, 2022, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Novembru, 2022,[3] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1.Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2022 l-imputat taha l-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[4]

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta' jerġa lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm jikkonsulta mal-abbli difensur tiegħu.

[2] Fol.1045-1046
[3] Ibid.
[4] Fol.1047

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessa.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali xejn inkwetanti tiegħu, tal-fatt li għalkemm saret ammissjoni din ma jista' qatt jingħad li saret f stadju bikri anzi saret propju meta kienu ser jinbdew il-provi tad-difiża.

Ġie kunsidrat ukoll li dan mhux każ ta' *Self-Laundering* iżda għemil intiż biex tassew jaħbi flejjes ta' provvenjenza ta' reat ta' traffikar ta' droga, reat fejn l-awtur jistagħna mill-vizzji tal-vittmi tiegħu li nqabdu fl-iskjavitù tal-*addiction* tagħhom.

Ittieħed konsiderazzjoni li l-imputat hu raġel ta' 68 sena fejn l-età għandha tkun raġuni akbar li wieħed iqis sew u jagħraf il-konsegwenzi tal-għemil tiegħu. Dan mhux xi żagħżugħ moħħ ir-riħ iżda bniedem li għex il-ħajja u għalhekk minnu kien mistenni ferm aktar. Madanakollu l-qorti qieset kif dan kien maħkum u taħt il-kontroll ta' ibnu u l-hajja kriminuza li dan jgħix.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja u dan hu fatt li ġie rikonoxxut anke mill-abbli prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti ikkunsidrat l-ammont ta' flejjes riċiklati hekk kif dikjarat mill-prosekuzzjoni u cioe l-ammont ta' €15,173.55.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 579 (1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, u tikkundannah għal piena ta' **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum u *multa* ta' għoxrin elf ewro (€20,000)

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputat, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

Inoltre` ai termini tal-imsemmi artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta ta' għoxrin elef ewro (€20,000) rappreżentanti parti mill-ammont tal-garanzija hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti kif preseduta fis-6 t'Awwissu 2020.[6]

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€24, 277.32**-rappreżentanti spejjez peritali.

Finalment tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[5] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.
[6] **Dok.MD** a fol.346